# Il-Baħar

*Ċar, kalm, kaħlani,*
*Iċafċaf mal-blat;*
*Il-baħar fis-sajf,*
*Ikun f'dan l-istat.*

*Qawwi u mqalleb,*
*Jitfarrak ġol-blat;*
*Bil-mewġ fix-xitwa,*
*Jinbidel imbagħad.*

*Nadif inżommuh,*
*U ma narmux fih;*
*Għax għandna bżonnu,*
*Biex ngħumu ġo fih.*

*Mal-gżejjer idur,*
*Jifforma l-bajjiet;*
*Uħud kollha blat,*
*Inkella ramliet.*

*X'ngħidu għat-togħma,*
*Li għandu tal-melħ?*
*Jekk troxx niskata,*
*Mal-ikel mhix telf.*

*Taħtu dinj' oħra,*
*Miżgħuda bil-ħut;*
*Ferm differenti,*
*Minn għalqa bid-dud.*

*Id-dinja tal-ħut,*
*Donnha xalata;*
*Kemm għas-sajjieda,*
*U għall-għaddasa.*

*Jgħidu li għandu,*
*Żaqqu ferm ratba;*
*Imma dik rasu,*
*Iebsa bħal xatba.*

*Għax filli bnazzi,*
*F'daqqa jitqawwa;*
*U l-għawġ ma' wiċċhom,*
*Isibu l-baħħara.*

*Mitqlu deheb jiswa,*
*Biex tinżel ix-xita;*
*Għax huwa l-bażi,*
*Taċ-ċiklu tal-ilma!*

**Cynthia Camilleri Cauchi**